MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 339/2010

**V. Attard (Works) Limited (C33136)**

***kontra***

**St. Michael School Company Limited (C 9943) ; u Alfred Carabott (K.I. 214253M) u b`digriet tal-11 ta` Mejju 2010, St. Michael School Company Limited (C9943) u Alfred Carabott (ID214253M) ma ghadhomx aktar parti f`din il-kawza, u l-konvenuta saret St. Michael Foundation for Education**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-8 ta` April 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-intimati, jew min minnhom, ikkommissjonaw lis-socjeta` rikorrenti biex tibni l-iskola bl-isem St. Michael Senior School gewwa tal-Balal, San Gwann, liema xoghol tlesta f`Marzu tas-sena 2006 ;*

*2. Illi l-hlas ghall-imsemmi xoghol kellu jsir skond il-kejl abbazi ta` rati predeterminati (Kopja tal-kuntratt tar-rati annessa u mmarkata "DOK VA1") u ghaldaqstant waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet, is-socjeta` rikorrenti kienet tibghat fatturi parzjali kull xahar li qatt ma gew ikkontestati mill-konvenuti, tant li l-konvenut Carabott kien regolarment jaghmel pagamenti akkont ta` l-imsemmija fatturi ;*

*3. Illi f`Marzu 2006 is-socjeta` rikorrenti baghtet il-fattura finali fl-ammont ta` miljun seba` mija u tmienja u tletin elf sitt mija u tlieta u disghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,738,693.35), li giet riveduta u nharget mill-gdid fil-15 ta` Mejju 2009 fl-ammont ta` miljun seba` mija u erbat elef mitejn u tmienja u sebghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,704,278.94) (kopja annessa "DOK VA2") u l-konvenut Carabott accetta l-istess tant li hallas l-ammont ta` sitta u erbghin elf u sitt mitt Ewro (€46,000) in akkont, u l-bilanc kellu jithallas permezz ta` pagamenti kull xahar ;*

*4. Illi fis-sena 2008, il-konvenuti jew min minnhom, waqfu jhallsu stante l-allegazzjoni ta` prezzijiet gholjin fuq il-fattura finali li s-socjeta` harget fis-sena 2006 u dan minkejja illi kif gia` inghad, dak iz-zmien la l-konvenuti u lanqas il-perit u/jew il-quantity surveyor taghhom ma kkontestaw il-prezzijiet kif dedotti fuq l-imsemmija fattura. L-ahhar pagament gie effettwat fl-20 ta` Gunju 2008 ;*

*5. Illi f`Mejju tal-2009 il-konvenut Carabott ipprezenta rapport datat 30 ta` April 2009 (kopja annessa u mmarkata "DOK VA3") mhejji mill-Perit Ian Zammit,*

*permezz ta` liema kkontesta l-prezzijiet fuq il-fattura finali tal-2006, akkont ta` liema kienu gia` bdew isiru l-pagamenti ;*

*6. Illi meta rat hekk, is-socjeta` rikorrenti qabbdet lill-Perit John J. Papagiorcupolo sabiex jevalwa l-allegazzjonijiet tal-konvenuti, li rrizultaw infondati permezz tar-rapport datat 23 ta` Ottubu 2009 (kopja annessa u mmarkata "DOK VA4") ;*

*7. Illi l-konvenuti, jew min minnhom, kellhom ihejju rapport finali taghhom segwenti l-kontro-rapport tas-socjeta` rikorrenti u minkejja li gie stipulat terminu ghal dan il-ghan, li skada f`Jannar tal-2010, dan baqa` ma sarx*

*8. Illi l-bilanc dovut illum jammonta ghal mitejn u tnejn u tmenin elf mija u sebgha u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€282,177.92) kif juri l-istatement hawn anness bhala "DOK. VA5" ;*

*9. Illi minkejja diversi interpellazzjonjiet ghal hlas, inkluz ittra ufficjali numru 663/10 datata 9 ta' Marzu 2010, il-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*10. Illi s-socjeta` rikorrenti nkorriet spejjez in konnessjoni mas-servizzi u materjal illi hija pprovdiet lill-konvenuti, ta` liema spejjez baqghet ma thallsitx ;*

*11. Illi dan huwa wiehed mill-kazijiet kontemplati mill-Artikolu 167(1)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta, ghall-finijiet ta` liema l-esponent jiddikjara u jikkonferma illi fil-fehma tieghu d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet validi xi jressqu ;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi :*

*1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh ai termini ta` l-artikolu 167(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` mitejn u tnejn u tmenin elf mija u sebgha u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€282,177.92), bilanc ta` somma akbar rapprezentanti xoghol ta` kostruzzjoni, servizzi u provvista ta` materjal relatati u interessi akkumulati sal-21 ta` Marzu 2010.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali numru 663/2010 u tal-mandat ta` sekwestru numru 439/10, u bl-imghax legali fuq il-bilanc tax-xoghol mill-21 ta` Marzu 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija rikorrenti (minn issa `l quddiem tissejjah “V. Attard”) u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Mejju 2010 fejn laqghet iz-zewg talbiet li saru minn V. Attard permezz ta` rikors taghha tas-7 ta` Mejju 2010 (fol 46 u 47) sabiex il-kawza tinstema` bil-procedura ordinarja mhux bil-procedura sommarja specjali u sabiex l-uniku konvenut fil-kawza tkun “St. Michael Foundation for Education” (minn issa `l quddiem tissejjah “il-Fondazzjoni”) mhux il-persuni originarjament imharrka.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fil-31 ta` Mejju 2010 li taqra hekk –

*(i) Illi qabel xejn it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u dana peress li ai termini tal-klawsola 54 tal-"Conditions of Contract" anness bhala Dokument B mal-kuntratt ta` appalt li kien jirregola l-kontendenti fir-rigward tal-ikkummissjonar tal-bini tal-iskola bl-isem St. Michael Senior School gewwa tal-Balal, San Gwann (Dokument "AC1") gie stipulat bi qbil bejn il-partijiet kontendenti f`din il-kawza illi "in case of a dispute arising between the Owner and the Contractor, the Architect`s decision will be final and binding and without recourse to the Courts of Law" ;*

*(ii) Illi l-Perit inkarigat mill-progett tal-bini tal-imsemmija skola u cioe` l-Perit Ian Zammit kien hareg il-kejl tax-xoghol u ezamina bir-reqqa l-pretensjonijiet imressqa mis-socjeta` attrici kif indikat fir-rapport tieghu tat-30 ta` April 2009 (esebit mar-rikors guramentat) u sussegwentement ha d-decizjoni tieghu li giet komunikata diversi drabi lis-socjeta` attrici V. Attard (Works) Limited u tinstab kontenuta fl-ittra datata 23 ta` Marzu 2010 (hawn annessa u markata Dokument "AC2"), permezz ta` liema decizjoni l-Perit ikkonkluda li m`hemm ebda ammonti dovuti lis-socjeta` konvenuta fir-rigward tax-xogholijiet minnha ezegwiti bhala kuntrattur fil-bini tal-imsemmija skola ;*

*(iii) Illi kwindi, billi din id-decizjoni tal-Perit hija finali u torbot lill-partijiet kontendenti f`din il-kawza skond l-imsemmi kuntratt ta` appalt, it-talbiet attrici jaqghu barra s-sindakabilita` gudizzjarja ;*

*(iv) Illi inoltre, klawsola 54 tal-"Conditions of Contract" timpedixxi lis-socjeta` attrici milli tattakkka l-validita` tal-istess klawsola, fis-sens li ma tistax tippretendi*

*li din il-klawsola msemmija ma torbotx lilha bhala partecipi fuq il-kuntratt ta` appalt bhall-kumplament tal-ftehim u kwindi ma tistax tippromwovi l-kawza odjerna meta ghandha decizjoni tal-Perit li l-ebda ammonti m`huma dovuti lilha ;*

*(v) Illi fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammonti m`huma dovuti lilha fit-termini tal-imsemmi appalt ;*

*(vi) Illi kuntrarjament ghal dak indikat f`paragrafu 2 u 3 tar-rikors guramentat, il-pagamenti mill-Fondazzjoni esponenti lis-socjeta` attrici kienu jsiru akkont u a bazi ta` "Interim Certificates of Payments" li nhargu mill-Perit u bl-ebda mod ma saret rinunzja ta` kontestazzjoni da parti tal-Fondazzjoni esponenti dwar l-ammonti li ntalbu in kwantu huwa car minn klawsola 44.04 li kien il-Perit li kien inkarigat li johrog "Final Certificate" fejn jiccertifika l-ammonti dovuti lis-socjeta` attrici qua kuntrattur u mhux dak li minn jeddha kienet tindika s-socjeta` attrici fil-fatturi li kienet tirrilaxxa, u effettivament il-kejl mahrug mis-socjeta` attrici ma kienx gie accettat mill-Fondazzjoni esponenti u lanqas mill-Perit inkarigat ;*

*(vii) Illi l-paragrafi 4 sa 7 qed jigi kontestat in kwantu ma jirrizultax li kien hemm ebda ftehim bejn il-Fondazzjoni esponenti u s-socjeta` attrici kif ser jithallas il-bilanc tal-prezz, proprju ghaliex bilanc ma kienx jirrizulta ;*

*(viii) Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-quantum mitlub mis-socjeta` attrici jrid fi kwalunkwe kaz jigi ppruvat u likwidat, u l-ebda imghax ma jista` jigi mpost hlief mid-data tal-eventwali sentenza in vista tal-htiega ta` tali likwidazzjoni ;*

*(ix) Illi l-ebda spejjez m`huma dovuti fir-rigward tal-ittra ufficjali numru 663/2010 li saret kontra Alfred*

*Carabott u St. Michael`s Co Limited, li mhumiex parti f'`din il-kawza, u tal-mandat ta` sekwestru numru 439/10 li gie revokat permezz ta` digriet datat 20 ta` April 2010 (hawn anness u markat Dokument "AC3") bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici ;*

*(x) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimati u l-elenku tad-dokumenti li kienu esebiti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Gunju 2010 (fol 130) fejn din il-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni qabel jitqies il-mertu.

Semghet il-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni fl-udjenza tal-1 ta` Novembru 2010 u cioe` ix-xiehda tal-Perit Ian Zammit (fol 133 sa 141), ta` Caroline Portelli (fol 142 u 143) u ta` Vincent Attard (fol 144 sa 150).

Rat id-dokumenti li ghalihom saret riferenza mix-xhud Perit Ian Zammit fid-deposizzjoni tieghu, liema dokumenti kienu esebiti mill-fondazzjoni konvenuta permezz ta` zewg noti (minn fol 155 sa fol 176 u minn fol 178 sa fol 199).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` April 2011 (fol 205) fejn, fuq direzzjoni ta` din il-Qorti, il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom mhux biss dwar l-ewwel izda anke dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-fondazzjoni konvenuta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn, wara li d-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet finali taghhom, halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum

dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-fondazzjoni konvenuta.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din il-kawza tittratta dwar kuntratt ta` appalt ghal xogholijiet estensivi li V. Attard kienet kontrattata sabiex tezegwixxi fi skola propjeta` tal-Fondazzjoni. Il-kuntratt, li kien accettat mill-partijiet fil-kawza, sar bil-miktub. Jirrizulta illi bejn il-partijiet kien patwit li l-kuntratt isegwi l-mudell tal-*Federation Internationale des Ingenieurs-Conseil* (FIDIC). Fil-kuntratt kienu ndikati mhux biss id-dettalji tax-xogholijiet li V. Attard kellha tezegwixxi izda wkoll l-prezzijiet ta` x-xogholijiet skond il-kejl. Fil-kuntratt kien appuntat ukoll perit li, minbarra s-sorveljanza u l-konduzzjoni tax-xogholijiet fuq is-sit, kellu wkoll is-setgha ta` l-ahhar decizjoni fil-kaz ta` tilwima bejn il-partijiet. Is-sentenza tal-lum tittratta propju dan l-aspett tal-ahhar tal-ftehim bejn il-kontendenti.

Il-klawsola in kwistjoni (ara fol 91) taqra hekk –

*54. Architect`s Decision*

*In case of a dispute arising between the Owner and the Contractor, the Architect`s decision will be final and binding and without any recourse to the Courts of Law.*

Mhux kontestat li fil-kaz tal-lum dwar tilwima li kienet inqalghet bejn il-partijiet dwar jekk kienx ghad hemm ammonti dovuti lil V. Attard skond it-termini tal-kuntratt, il-perit koncernat u cioe` il-Perit Ian Zammit ikkonkluda li ma kienx hemm ammonti dovuti mill-Fondazzjoni anke wara li sema` l-ilmenti u l-veduti ta` V. Attard. Din tal-ahhar ikkontestat il-fehma tal-perit billi pprezentat din l-azzjoni

fejn talbet lill-Fondazzjoni sabiex thallasha s-somma ta` €282,177.92 li skond V. Attard kien il-bilanc li l-Fondazzjoni kellha thallasha skond il-kuntratt ta` appalt.

Ghall-fini tas-sentenza tal-lum, il-Fondazzjoni qeghda tghid bl-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet taghha li din il-Qorti hija prekluza milli tqis il-pretensjoni attrici in vista tal-klawsola 54 tal-kuntratt fuq riferita. Il-Fondazzjoni ssostni l-Perit Zammit kejjel ix-xoghol u hadem il-konteggi skond ir-rati miftehma bejn il-partijiet. Tghid ukoll li l-Perit Zammit ha d-decizjoni tieghu wara li qies bir-reqqa l-pretensjonijiet ta` V. Attard. U avza lil V. Attard bid-decizjoni tieghu li kienet bhala fatt sfavorevoli ghal V. Attard.

**Ikkunsidrat :**

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1998 fil-kawza "**Beacom et vs Spiteri Staines**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".*

In omagg ghal dan il-principju, il-Qrati taghna accettaw il-validita` ta` klawsoli bhal dik in ezami meta kienu certi li l-ghazla tal-mod kif kellha tkun determinata kwistjoni ta` bejn il-partijiet kienet tabilhaqq tirrifletti r-rieda taghhom skond il-kuntratt ta` bejniethom (Appell Civili – **"Foster vs Gatt"** – 27 ta` Gunju 1924 – Vol.XXX.I.1071 ; u qabel din, is-sentenza riportata fil-**Kollezz. Vol. XXIV.I.1067**).

*Eppure* diversi kienu c-cirkostanzi fejn il-pratticita` wasslet sabiex il-Qrati taghna, anke rinfaccjati bi klawsola ta` din ix-xorta, jiddeciedu li kellhom is-setgha li jisimghu kawza mressqa quddiemhom, meta l-materja kienet tirrigwarda l-verifika ta' danni li jew ma setax isir hlief f`dawn il-Gzejjer, jew li ma kienx ikun hekk xieraq li kieku l-kawza kellha ssir u tkun deciza fi tribunal divers minn dak lokali minhabba fatturi ta` spejjez jew ta` zmien (ara – Appell Civili – **"Frendo noe vs Naudi et noe"** – 9 ta` Dicembru 1935 – Vol.XXIX.I.1317). L-istess sar mill-Qrati taghna fejn kellhom biza` fondat li t-tribunal indikat mill-partijiet ma kienx se jaghti rimedju effettiv ghall-kwistjoni (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili - **"Pace vs Civitelli"** – 6 ta` Lulju 1911 ; u Qorti tal-Kummerc – **"Bonello noe vs Mifsud et"** – 30 ta` April 1938 – Vol.XXX.III.373).

Dan premess tibqa` valida l-linja ta` principju, anke din traccjata mill-Qrati taghna, li "*qualunque clausola di derogazione della giurisdizione dei tribunali locali e` di stretta interpretazione, per cui in caso di dubbio se fosse intesa o meno tra le parti si deve decidere per la negativa.*" (ara – Appell Civili – "**Pisani vs Consiglio noe"** – 15 ta` Gunju 1931 ; u Appell Civili **– "Bellizzi noe vs Debono noe"** – 25 ta` Gunju 1937).

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kuntratt ta` appalt. Huwa pacifiku l-mudell ta` kuntratt adoperat mill-partijiet fil-kaz tal-lum huwa ta` uzu frekwenti meta jsiru progetti ta` bini ta` daqs konsiderevoli kif kien dak tal-lum. Mhux kontestat li l-partijiet accettaw u ffirmaw il-kuntratt esebit.

"*Architect*" huwa hekk definit fil-kuntratt –

*Architect' means the firm Andre` Zammit and Associates, or such other firm as may be appointed by the*

*Employer and is notified by the Contractor, under whose direction and supervision, the works are to be carried out.*

Ghalkemm il-perit, li fil-kaz tal-lum kien il-Perit Ian Zammit ghal *Andre` Zammit and Associates*, kien appuntat mill-Fondazzjoni, jirrizulta li z-zewg partijiet, inkluz V. Attard, accettaw li mhux biss ix-xogholijiet jitmexxew taht id-direzzjoni u supervizjoni tieghu, mhux biss kellu l-inkariku li jaghmel il-kejl tax-xoghol halli jinhadem il-hlas, izda l-partijiet accettaw ukoll li l-Perit Zammit kellu jkun ukoll l-aggudikatur bejniethom fl-eventwalita` li jinqala` nuqqas ta` qbil bejniethom specifikament sabiex ma jkollhomx ghalfejn jirrikorru ghall-Qrati. Dak tal-lum kien propju kaz fejn ma kienx hemm qbil dwar il-hlas tax-xoghol tal-kuntrattur. Hekk kif harget il-kwistjoni, il-Perit Ian Zammit ha r-rwol ta` aggudikatur, zamm laqghat, sema` u qies l-ilmenti ta` V. Attard u ddecieda (ara x-xhieda ta` Vincent Attard a fol 144).

Fil-kuntratt ta` appalt, kienu dettaljati l-kompiti tal-perit. Jaghti l-istruzzjonijiet ghat-twettieq tal-progett (ara fol. 63, 67, 68, 69, 70, 77). Jiccertifika l-kwalita` u l-kwantita` tal-materjal (fol. 71). Jiddeciedi jekk ghandux izid jew inaqqas is-somma dovuta lill-kuntrattur skond jekk kellux jizdied jew jitnaqqas xi xoghol fil-progett (fol. 77, 87). Jissospendi temporanjament ix-xogholijiet (fol. 79). Jestendi z-zmien ghat-tlestija tax-xogholijiet (fol. 81). Jiccertifika difetti (fol. 82). Jiccertifika id-*Date of Practical Completion* bl-approvazzjoni tas-sid (fol. 83). Jiccertifika t-tlestija finali tax-xogholijiet (fol 85). Johrog *interim certificates* jew *final accounts* dwar x-xoghol kollu ezegwit mill-kuntrattur (fol. 86). Johrog *interim certificates* kull xahar sabiex jiccertifika x-xoghol li jkun tlesta (fol. 86).

Bis-sahha tal-klawsola 54 (fol 91), li hija l-mertu tal-eccezzjonijiet tal-Fondazzjoni li qeghdin jigu decizi llum, kien patwit bejn il-partijiet li jekk kemm –il darba jkun hemm tilwima (*dispute*) bejniethom, id-decizjoni tal-perit

kellha tkun finali u torbothom it-tnejn minghajr il-htiega li jmorru l-Qorti.

Fin-noti tieghu dwar id-Dritt Civili (1978 – Pg.287), il-**Prof V. Caruana Galizia** jghid –

*Contracts entered into according to law have the force of law with respect to the parties. They bind the parties reciprocally in the same way as the law binds all citizens. This principle is based on the theory of the autonomy of the will, which on its own creates rights and obligations … (omissis)*

*Contract is therefore law for the parties, and just as a law may derogate another law, so may a contract, which may be considered as private law, derogate ordinary law : 'dispositio hominis tollit dispositionem legis'. The contracting parties may by their agreement, i.e. by the contractual rule established by them, derogate the legal rule, both by substituting another rule or by not substituting anything ; and they may do so as long as the prohitibition of the law, or public policy or morality is not an obstacle.*

L-ebda parti fil-kawza tal-lum ma hi tallega li l-kuntratt huwa kontra l-ligi jew kontra l-ordni pubbliku. Fil-verita`, dak li V. Attard qeghda taghmel bil-kawza tal-lum huwa li tikkontesta d-decizjoni finali tal-perit. V. Attard qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tissindaka d-decizjoni finali tal-perit. Li allura jfisser li V. Attard trid li din il-Qorti tghid li l-klawsola 54 tal-kuntratt m`ghandhiex tapplika u allura m`ghandhiex torbot lill-partijiet.

Fil-ligi taghna, il-kuntratti jsibu r-*raison d`etre* taghhom fil-volonta` tal-kontraenti. Sabiex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-**Art.966 tal-Kap.16** : il-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. L-ebda parti fil-kawza tal-lum ma hi qeghda tallega l-karenza ta` xi rekwizit

essenzjali ta` l-kuntratt. Ghalhekk din il-Qorti ghandha kull jedd tassumi li l-volonta` hielsa u legittima tal-kontraenti hija riflessa fil-klawsoli kollha u minghajr eccezzjoni tal-kuntratt anke fil-kuntest tal-**<u>Art.992, 993 u 1002 tal-Kap.16</u>**.

F`dan l-istadju allura s-setgha ta` din il-Qorti huwa limitat ghall-verifika ta` jekk, fit-twettieq tal-inkariku li nghata mill-partijiet li jiggudika hu b`mod finali dwar tilwima ta` bejniethom skond il-klawsola 54 tal-kuntratt, il-perit osservax il-principji tal-gustizzja naturali li huma bazilari fi *due process.* Fil-kaz tal-lum, V. Attard tallega li fil-konfront taghha sar ksur tal-principju *audi alteram partem* ghaliex tghid li ma nghatatx l-opportunita` li tressaq rapport ta` perit iehor li sar fuq inkariku taghha (ara t-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet finali a fol 206).

Din il-Qorti tosserva li sakemm il-Perit Ian Zammit ta d-decizjoni tieghu skond il-klawsola 54, hadd mill-partijiet ma kellu dubju dwar l-imparzjalita` u l-indipendenza tieghu. Vincent Attard jixhed a fol 145 -

*… Jiena fil-laqghat tlabt u tlabt lis-Sur Carabott u <u>s-Sur Carabott tani l-parir</u> li ndahhal perit barrani <u>biex inkunu nistghu naraw</u> jekk il-Perit Ian Zammit qieghedx jikkonkludi l-kont tajjeb.* (sottolinear tal-Qorti)

Il-punt ta` kontestazzjoni kienet id-decizjoni tal-Perit Zammit dwar il-kont. Irrizulta li saru nkontri fejn il-Perit Zammit sema` l-ilmenti ta` V. Attard u tahom konsiderazzjoni. Wara li sabet li r-rapport tal-Perit Zammit kien sfavorevoli ghaliha, V. Attard hatret perit *ex parte,* il-Perit John Papagiorcopulo li jidher li kien prezenti ghal xi inkontri. Vincent Attard ikompli jixhed (a fol. 148) illi l-Perit Zammit kien accetta li johrog rapport iehor wara l-ewwel wiehed li kien hareg izda dan ir-rapport qatt ma hareg. Jixhed ukoll illi huwa ghadda kopja tar-rapport tal-Perit Papagiorcopulo lil Alfred Carabott sabiex dan ighaddih lill-Perit Zammit. Vincent Attard ighid hekk a fol 149 - ‘*Ahna*

*sadanittant inhossu li kien dmir tas-Sur Carabott li jghaddilu kopja ghax ahna s-Sur Carabott tajnieh il-kopji kollha'*

Fix-xhieda tieghu l-Perit Ian Zammit jghid illi '*waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet li peress li kienu ghaddejjin b`ritmu mghaggel kont nohrog certifikati sabiex il-kuntrattur jithallas akkont u wara illi tlesta x-xoghol ghamilt kont finali. Kien hemm numru sostanzjali ta` kontestazzjonijiet minn naha tal-kuntrattur u dawk ezaminajthom wiehed wiehed u hrigt rapport iehor u* hrigt bit-*total definittiv*' (fol. 134).

Il-Perit kompla jispjega illi '*wara li jien hrigt l-istimi tieghi l-kuntrattur ressaq il-kummenti tieghu bil-miktub u fihom indika fejn kien jaqbel u fejn ma kienx jaqbel mal-konkluzjonijiet tieghi*' (fol. 135).

U kompla jixhed hekk a fol 137 u 138 -

*Perit : Agixxejt b`mod l-iktar imparzjali ha nghid hekk ghax jiena wara kollox kont imqabbad miz-zewg partijiet. Irrid nghid illi kien hemm kazi fejn kien suppost difficli illi wiehed jasal ghall-konkluzjoni mija fil-mija, il-hxuna taz-zrar u ramel taht il-madum, biex naqla` hafna madum fil-post speci la l-post kien diga` bil-madum imqieghed kien difficli biex nghid hekk jigi verifikat direttament. F`kazijiet bhal dawk anki tajtu l-beneficcjut tad-dubbju, ghakemm suppost per ezempju kellu jkun hemm bejn tlett pulzieri u erba pulzieri kien hemm claims li jmorru hafna oltre minn hekk.*

*Qorti : Pero` apparti l-element ta` l-imparzjalita`, kull lanjanza li saritlek mill-kuntrattur inti tajt il-piz dovut li kellek ittiha ?*

*Perit : Iva, iva.*

*Il-Qorti : Smajtu lill-kuntrattur jigifieri ?*

*Perit : Iva zgur, kellna hafna seduti speci meetings informali.*

*Qorti : Finalment iddecidejt inti, pero` iddecidejt wara li smajtu.*

*Perit : U hafna meetings iva.*

*Avukat : U f`dan is-sens allura inti fir-rapport tieghek Doc AC2 tghid illi 'c-cifra dovuta kif stabbilita minni tinkludi ammonti sostanzjali li skont it-termini stretti tal-kuntratt ta` l-appalt mhumiex dovuti lill-kuntrattur'.*

*Perit: Iva hawnhekk forsi nista` naghmel referenza ghal per ezempju l-prezz tal-konkos, il-kuntrattur ilmenta u fil-fatt kellu ragun illi l-prezz tal-konkoz ghola waqt iz-zmien tal-kuntratt. Il-konkos ma jipproducihx hu, jixtrih, pero` l-kuntratt kien jghid car u tond illi kwalunkwe zieda fil-prezzijiet esterni ha nghid hekk dak irid ibatieh il-kuntrattur. Jiena l-foundation avzajtha li ma jidhirlix li huwa xieraq li l-kuntrattur ibati zidiet li ma kellux kontroll fuqhom u bazikament iccertifikajthom u nkludejthom ukoll.*

*Qorti: Jigifieri uzajt il-principji tal-ekwita` inti hux hekk ?*

*Perit : Iva deherli li kien ekwu li jekk il-konkos fil-bidu tal-kuntratt kien mod imbaghad waqt il-kuntratt zied xi darbtejn tlieta, illi jithallas dik id-differenza.*

Mistoqsi jekk kienx prezentat lilu rapport tal-Perit Papagiorcopulo, il-Perit Zammit jghid li ma ngab l-ebda rapport minn perit tal-kuntrattur (fol. 141).

V. Attard qeghda tghid li kien hemm ksur tal-principju *audi alteram partem* ghall-pregudizzju taghha abbazi tal-fatt illi l-Perit Zammit ma qiesx ir-rapport ta` l-Perit Papagiorcopulo. Pero` din l-Qorti tosserva illi dak ir-rapport qatt ma gie prezentat lill-Perit Zammit.

Wara li qieset l-assjem tal-provi, din il-Qorti tghid li l-Perit Ian Zammit mexa b`gustizzja fl-ghoti tad-decizjoni finali tieghu. Inoltre anke li kieku r-rapport tal-Perit Papagiorcopulo ngieb ghall-attenzjoni tal-Perit Zammit, ir-rwol tal-Perit Zammit bhala gudikatur kien li jqis it-tilwima, iqis il-fehma taz-zewg partijiet, u jaghti d-decizjoni tieghu. Din il-Qorti ma tara xejn x`ticcensura fl-operat tal-Perit Zammit bhala gudikatur tat-tilwima bejn il-partijiet.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-fondazzjoni konvenuta, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici, u tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 24 ta` Jannar 2012 fid-09:30am.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------